**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001**

**Numru 9**
**Citaz. Nru. 1157/93 FD**

**Joseph Gauci**

**Vs**

**Georgina Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti huma mizzewgin u mill-imsemmi zwieg kellhom tlett itfal, Stephen ta' sittax-il sena (16 yrs), u Adrian ta' erbatax-il sena (14 yrs) u Daniel ta' ghaxar snin (10 yrs);

Premess illi l-konvenuta irrendiet ruhha hajta fil-konfront ta' l-attur ta' mohqrija, theddid, minacci, sevizzi, u ingurji gravi u kif ukoll iz-zwieg bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli;

Premess illi l-attur gie awtorizzat li jipprocedi kontra l-konvenuta permess ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 23 ta' Settembru, 1993, sabiex jipprocedi bl-istanti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta hatja fil-konfront ta' l-attur ta' mohqrija, minacci, sevizzi, ingurji gravi u li z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irreparabbli u ghalhekk tordna s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti b'tortijiet unikament imputabbli ghall-konvenuta;

2. Tiddikjara lill-konvenuta li ddekadiet mill-manteniment;

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti sa fejn applikabbli ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u x-xolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u ope sententia tassenja parti lill-attur u ohra lill-konvenuta f'porzjonijiet li jidhrilha xierqa din il-Qorti fic-cirkostanzi;

5. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tfal minuri lill-attur b'access lill-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-attur naqas li jhallas l-ispejjez tal-kawza fl-istess ismijiet u fuq l-istess meritu u cioe` dik li ggib ic-citazzjoni numru 1218/89 FD li marret dezerta fit-2 ta' Dicembru, 1991 u ghalhekk l-attur ma setax jintroduci din il-kawza;

2. Illi fil-meritu t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u saret biss wara li hu waqa' kontumaci fil-kawza fl-ismijiet inversi (Cit Nru. 886/86 FD);

3. Illi z-zwieg tfarrak minhabba nuqqasijiet gravi da parti ta' l-attur kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni fosthom ingurji gravi, adulterju, swat kontinwu u mohqrija;

U ghamlet ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala espert legali, li kien diga` gie nominat fil-kawza fl-ismijiet inversi u li qeghda tigi deciza wkoll illum;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur intavola din ic-citazzjoni wara illi l-konvenuta odjerna kienet fi zmien qabel ipprezentat kawza dwar l-istess meritu kontra tieghu u fil-kawza l-ohra l-attur odjern kien baqa' kontumaci u ghalhekk bi qbil bejn il-kontendenti din il-kawza imxiet flimkien mal-kawza l-ohra li ggib in-numru 886/86 illi qeghda tigi deciza ukoll illum;

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta kienet illi l-attur ma kienx hallas ghal kawza ohra li kienet marret dezerta fl-istess ismijiet izda dina l-eccezzjoni giet irtirata fl-Udjenza tal-15 ta' April 1994 u dana "*biex il-kawzi ma jitwalux inutilment*";

Illi dwar it-tieni eccezzjoni l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mill-konvenuta pero` dan ma jfissirx li r-raguni indikata twassal ghac-cahda tat-talbiet tac-citazzjoni odjerna;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, il-kontendenti ressqu bosta provi fil-kawza l-ohra bin-numru 886/86 fejn kien ukoll ipprezentat ir-rapport peritali li pero` gie superat minn ftehim li pprezentaw il-kontendenti fil-kawza l-ohra u li a bazi tieghu inghatat is-sentenza relattiva;

Illi skond l-isemmi ftehim il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel domanda tac-citazzjoni odjerna billi tilqaghha fuq il-bazi li z-zwieg tkisser irremedjabilment;

Illi dwar it-tieni talba l-kontendenti qablu li l-konvenut kien ser ihallas manteniment ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar u dwar it-tielet talba kienu qablu li l-partijiet jitilfu id-drittijiet successorji reciproci, waqt li dwar ir-raba' talba cioe` dik rigwardanti l-komunjni ta' l-akkwisti l-partijiet ukoll qablu dwar kif din id-divizjoni kellha ssir hlief ghal xi punti li gew ukoll decizi fl-imsemmija sentenza tal-kawza fl-ismijiet inversi;

Illi dwar il-hames domanda fejn l-attur talab il-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri, dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li t-tfal illum ma ghadhomx minnorenni;

Illi l-Qorti ghal kull buon fini taghmel ampja referenza ghas-sentenza li qed tinghata llum fil-kawza citazzjoni bin-numru 886/86 fl-ismijiet inversi li nghatat wara li l-kontendenti kienu pprezentaw nota kongunta fid-19 ta' April ta' din is-sena.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti konjugi Gauci u dan peress li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment;

Tichad it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' it-Tielet Domanda fis-sens li z-zewg kontendenti tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom;

Tilqa' r-Raba' Domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha billi tiddikjara illi tikkonsisti fid-dar matrimonjali bl-isem “Golden Ring” Triq il-Mahlut, Hal Lija, il-vettura Isuzu Gemini bin-numru LAN-864, il-kontijiet bankarji li huma intestati f’isem il-kontendenti personalment kif ukoll it-tlett kontijiet bankarji mal-bank HSBC f’isem l-attur izda ghan-nom tat-tlett uliedhom, l-ammont li kien ircieva l-attur meta spicca mill-impjieg, l-ghamara li hemm fid-dar matrimonjali u dik li ha l-attur, kif ukoll ir-ritratti ta’ l-ulied li prezentement jinsabu fil-pussess tal-konvenuta;

Tiddividiha billi tassenja lill-istess konvenuta n-nofs tal-proprjeta` tad-dar matrimonjali imsemmija, l-intier ta’ l-ghamara u l-oggetti

kollha li prezentement jinsabu fl-istess dar, id-dritt ta' l-uzu u abitazzjoni tad-dar matrimonjali ghan-nofs indiviz l-iehor, il-kontijiet bankarji li huma intestati f'isimha kif ukoll in-nofs indiviz tal-vettura Isuzu Gemini bin-numru LAN-864 b'mod li l-konvenuta issir issa proprjetarja assoluta ta' l-istess karozza; il-konvenuta qed tigi kkundannata biex tirritorna r-ritratti li ghandha tat-tfal tal-kontendenti u dan lill-istess tlett ulied, u taghmel tajjeb ghad-dejn li setghet dahlet fih minghajr il-kunsens ta' l-attur; hi qed tigi wkoll ikkundannata billi taghti d-dritt lit-tlett ulied li prezentement jinsabu maghha biex ikomplu jghixu maghha fl-istess dar liema dritt huma pero` jitilfu rrevokabilment meta jaghzlu illi jizzewgu jew li jikkoabitaw.

Lill-attur qed jigu assenjati l-flus kollha illi huwa ppercepixxa meta spicca mill-impjieg, l-ghamara u l-oggetti kollha illi prezentement jinsabu fil-pussess tieghu, il-kontijiet bankarji li huma intestati f'ismu b'dan pero` illi t-tlett kontijiet li kienu infethu ghat-tlett ulied ghandhom jigu moghtija lill-istess ulied; in-nofs indiviz tad-dar matrimonjali b'dan pero` li huwa qed jigi kkundannat illi fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, huwa permezz ta' att nutarili jikkoncedi b'titolu ta' donazzjoni dan is-sehem indiviz tieghu lit-tlett uliedu Stephen, Adrian u Daniel fi kwoti ndaqs bejniethom; huwa wkoll obbligat illi jiffirma d-dokumenti kollha necessarji biex l-imsemmija vettura tigi trasferita f'isem il-konvenuta u l-licenzji tat-television jinhargu wkoll f'isimha;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Domanda peress li l-ulied ma ghadhomx minnorenni.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur